**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 16 TA' SETTEMBRU 2015**

**SPETTUR CAROL FABRI**

**VS**

**MANUEL ABELA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Manuel Abela ta' 22 sena, bin Angelo u Carmela nee' Borg, mwieled Pieta' fit-28 ta' April 1992, residenti 68, Triq mikiel Cachia, Zejtun u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 245692M;

Talli;

1) Fl-24 ta' Mejju 2013 minn gewwa l-hanut Ganza Shopping Centre li jinsab fi Triq l-Isoqf Emanuel Galea, Zejtun, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema ammont jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2329.37 ghad-detriment ta' ohtu diane Abela miz-Zejtun liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna;

2) Bejn it=23 u l-25 ta' April 2014 minn gewwa garaxx li jisnab fi Triq l-Armier, Zejtun, ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2329.37 liam serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-hin;
3) Fl-istess zminijiet u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misrqua, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'koll mod li jkun, indhal biex bibieghhom jew imexxihom;

   ukoll talli fis- 26 ta' Arpil gewwa z-Zejtun;
4) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsibe li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama dik il-persuna jew xi persuna ohra, jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;
5) Hebb kontra missieru Angelo Abela sabiex jingurja, idejqu jew jaghmillu hsara;
6) Ghamel ingurji jew theddid mhux msemmijin band ' ohra fil-Kodici Kriminalijew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

   ukoll talli fit-28 ta' April 2014 gewwa Zejtun;
7) Hebb kontra ohtu diane Abela sabiex jingurjaha idejjaqha jew jaghmlilha hsara;
8) Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

9) Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna t'ohtu Diane Abela skont kif icceritifka Dr A Baldacchino MD mic-centru tas-Sahha Paola; ukoll talli fit- 28 ta' Marzu 2014 fiz-Zejtun;

10) M' obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkgarigat minn servizz pubbliiku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru,billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jagheml jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi kif ukoll;
talli fit-28 ta' April 2014 u x-xhura ta' qabel f'dawn il-gzejjer;

11) kien fil-pusess ta' dokument, u cioe' karta tal-Identita' numru 245692M liema dokument kellu ghal xi raguni xi wahda mill-partikolaritajiet jew xi taghrif iehor li jkun jinsab fih ma kinx jew ma baqax aktar korrettu naqa minghajr dewmien jirraport l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas jikkonsenja d-dokument mhux korrett lil u jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg lil dak l-ufficjal;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-parti leza rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fis-7, 8 u 9 akkuzi;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 267, 268, 263, 264. 270. 2793), 280(1), 334(a) tal-Kap 9, Art 49 tal-Kap 399, Art 339 (d) (e), 221 (1), 222 (1a), 338(ee) tal- Kap 9 u Art 19 (1) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibx lill-imputat hati tar- raba' (4), il-hames (5) u s- sitt (6) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.
Tiddikjara is- seba' (7), it-tmien (8) u d- disa' (9) akkuzi procediment ezawrit.
Issib lill-imputat hati tal- ewwl (1), it-tieni (2), it-tielet (3), l-ghaxar (10) u l- hdax (11) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn taht supervizjoni ai terminu tal-Art 28 G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**